MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1619/2004

**Avukat Dr Michelle Tabone ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof ghan-nom u in rapprezentanza ta' Dar Casa Leone enti ekklezjastika taht il-kontroll ta' Monsinjur Arcisqof**

**Vs**

**Charles u Lynda konjugi Zammit u b'digriet tat-Tribunal tad-29 ta' Novembru, 2004 giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Mary Micallef**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf mija u tmien liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm1,108.16c) dovuti in kwantu ghal
hames mija u tnax-il lira Maltin (Lm512) import ta' zewg cekkijiet li baqghu ma ssarrfux u ntizi bhala hlas akkont ghar-residenza ta' Salvatore Zammit fid-dar ta' l-anzjani Casa Leone XIII u hames mija u sitta u disghin lira Maltin

u sittax-il centezmu (Lm596.16c) dovuti ghar-residenza ta' Salvatore Zammit ghax-xhur Settembru, Ottubru, u l-ewwel ghaxart ijiem ta' Novembru 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tal-4 ta' Marzu, 2003 u bl-imghax kontra l-konvenuti.

Ra n-Nota ta' Cessjoni tas-sorte pprezentata fit-3 ta' Marzu, 2005 li permezz taghha Dr Michelle Tabone cediet il-kawza fuq il-mertu izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Sema' lil Dr Michelle Tabone tikkonferma bil-gurament li l-ispejjez huma dovuti.

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------